# Il-Gwerra

Gwerra: taqbid, telfien ta' sliem u s-sewwa,
Imwiet ta' kbar u żgħażagħ li bla rieda
Jiġġieldu jkollhom, għaliex b'qerq jew dnewwa,
Jgħidulhom: hejju, hekk jeħtieġ, għall-ġlieda.

Gwerra: din kelma li ma tafx bi ħlewwa:
Kelma misħuta qatt u qatt fejjieda;
Ħbiebha biss dawk li jridu l-ġnus għedewwa
Jaraw, b'qalb kiefra, ta' xulxin qerrieda.

Urejtna gwerra kemm-il-darba x'tagħti
Kull meta għar-rebgħa jew kburija tiegħek
Żrajt għaks, imrar u ridt kulħadd ibati:

Tbiegħed ja gwerra; la toqgħodx tiftaħar
B'setagħtek; tinsa qatt ukoll li miegħek
Jeħodha l-ħaqq, minn fuq, mill-art u l-baħar!

MARJU AGIUS.

Villa Lija.